MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 363/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Valentino Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19 t’Ottubru, 2006 u fix-xhur precedenti, opera, jew ippermetta l-operazzjoni ta’ “Il Kikkra”, sitwat f’124, Triq Santa Lucija, l-Belt, Valletta (numru tal-licenzja P/XO1A/487) bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja kif mahruga mill-Awtorita’, peress li pprepara jew ippermetta l-preparazzjoni ta’ ikel li ma kienx inkluz fil-licenzja, bi ksur tal-artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 u bi ksur tal-artikoli [recte : regolamenti] 3(1) u 16 ta’ l-Avviz Legali 175 ta’ 2004.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Dicembru, 2008, li biha,

ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu minn kull htija w piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant Avukat Generali li huwa s-segwenti :
Illi l-Ewwel Qorti qalet li licenzja ta' Bar ma kinitx tipprekludi li l-appellat iservi *"snacks"* skond il-lista Dokument NA esebit fil-process. Illi din hi interpretazzjoni erronea tal-Ligi peress li hu car li l-iskop primarju ta' Bar hu l-bejgh ta' alcohol u xorb iehor u mhux li jinbiegh l-ikel ukoll. Infatti l-artikolu 18(1) tal-Kap. 409 jipprovdi specifikatament li hemm bzonn ta' licenzji appozitie ghal "stabbiliment li jipprovdi l-ikel". Illi saret referenza wkoll ghall-artikolu [recte : regolament] 2 tal-A.L. 175/2004 u r-Raba' Skeda tal-istess regolamenti mahruga taht il-Kap. 409 precitat. Illi dwar il-fatti jirrizulta ampjament li kien qed jinbiegh ikel illegalment.

Semghet lil Noel Agius rapprezentant tal-Malta Tourism Authority fis-seduta tal-lum, illi kkonferma illi fid-data li tidher fic-citazzjoni w fix-xhur ta' qabel kien ikkonstata li l-appellat fl-istabbiliment tieghu kien qieghed ibiegh bi hlas oggetti tal-ikel bhala ma huma *"pies, cheesecakes, toast"* u affarijiet ohra meta huwa kien prekluz milli jaghmel dan skond il-licenzja li kellu ta' Bar, li skond l-Avviz Legali 175 kienet teskludi li hu joffri xi *food items against payment* lill-klienti tieghu.

Irrizulta wkoll illi l-appellat kien ilu jigi avzat mir-rapprezentanti tal-Awtorita' li ma setax jaghmel dan u li kienu jhegguh ripetutament biex huwa japplika ghall-licenzja relattiva, izda hu kien dejjem igib xi skuza; jew

ghax ghandu hafna x’jaghmel u m’ghandux *chance* joqghod jigri wara l-applikazzjonijiet jew ragunijiet ohra w xorta wahda baqa’ inadempjenti fuq firxa ta’ zmien.

Rat illi l-prosekuzzjoni w id-difiza jaqblu illi r-regolamenti applikabbli ghal dan il-kaz huma r-regolament 2(1) u r-regolament 17 tal-Avviz Legali 175/2004 u mhux f’dan il-kaz l-artikolu 43 tal-Kap. 409.

Ikkonsidrat

Illi d-difiza tal-appellat irrimettiet ruhha ghall-appell pero’ talbet li fic-cirkostanzi l-piena tkun vicin il-minimu w mhux vicin il-massimu.

Rat illi l-prosekuzzjoni dwar il-piena tirrimetti ruhha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w minflok issib lill-appellat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w, fic-cirkostanzi, wara li rat ir-regolamenti 2(1) u 17 tal-Avviz Legali 175/2004, tikkundannah ghal hames mitt Euro multa (€500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------